

Talbiet

— tiddikjara li r-rifjut tal-Kummissjoni Ewropea tal-ispejjeż tar-rikorrenzi li jammontaw għal ħames mija u tmienja u sebgħin elf, disa' mija u sebgħa u tletin ewro (EUR 578 937), fir-rigward tal-kuntratt għall-proġett 'A sophisticated multi-parametric system for the continuous — effective assessment and monitoring of motor status in Parkinson's disease and other neurodegenerative diseases (PERFORM)' abbażi tar-riżultat tar-Rapport ta' verifika 11-BA135-006 jikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha u li r-rikorrenzi għandha tirrimborsa lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' wieħed u għoxrin elf mija u wieħed u sebgħin ewro (EUR 21 171) u mhux is-somma ta' erba' mija u sebgħa u tmenin elf mija u wieħed ewro (EUR 487 101) flimkien mal-kumpens għad-danni li għandhu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea;

— tiddikjara li r-rifjut tal-Kummissjoni Ewropea tal-ispejjeż tar-rikorrenzi li jammontaw għal mija u tlieta u ħamsin elf mija u sbatax-il ewro (EUR 153 117), fir-rigward tal-kuntratt għall-proġett 'Point-of-Care MONitoring and Diagnostics for Autoimmune Diseases (POCEMON)' abbażi tar-Rapport ta' verifika 11-BA135-006 jikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha u li r-rikorrenzi għandha tirrimborsa lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' mija u tlieta u erbgħin elf sitt mija u wieħed u sebgħin ewro (EUR 143 671) u mhux is-somma ta' mitejn u tlieta u sebgħin elf ħames mija u disa' u ħamsin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (EUR 273 559,63) flimkien mal-kumpens għad-danni li għandhu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenzi tressaq żwewġ azzjonijiet flimkien.

L-ewwel nett, azzjoni bbażat fuq ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-Kuntratt FP7-215952 dwar l-eżekuzzjoni tal-proġett 'A sophisticated multi-parametric system for the continuous — effective assessment and monitoring of motor status in Parkinson's disease and other neurodegenerative diseases (PERFORM)' u għar-Rapport ta' verifika 11-BA135-006, skont l-Artikolu 272 TFUE. B'mod partikolari, ir-rikorrenzi ssostni li l-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha kif ukoll għall-ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u ta' proporzjonalità.

It-tienie nett, azzjoni ibbażat fuq ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-Kuntratt FP7-216088 dwar l-eżekuzzjoni tal-proġett 'Point-of-Care MONitoring and Diagnostics for Autoimmune Diseases (POCEMON)' u għar-Rapport ta' verifika 11-BA135-006, skont l-Artikolu 272 TFUE. B'mod partikolari, ir-rikorrenzi ssostni li l-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha kif ukoll għall-ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u ta' proporzjonalità.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2013 — Ben Ali vs Il-Kunsill**(Kawża T-166/13)**

(2013/C 156/84)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Mehdi Ben Tijani Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali (Saint-Étienne-du-Rouvray, Franza) (rappreżentant: A. de Saint Remy, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet tar-rikorrenzi**

— tadotta miżura tal-organizzazzjoni tal-proċedura taħt l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura, intiża li tikseb mill-Kummissjoni li hija tiżvela "id-dokumenti kollha fir-rigward tal-adozzjoni" tar-regola kkontestata;

— tannulla d-Deċiżjoni Nru 2012/50/PESK, tas-27 ta' Jannar 2012, li testendi l-effetti tad-Deċiżjoni Nru 2011/72/PESK, tal-31 ta' Jannar 2011, u tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni Nru 2011/79/PESK, tal-4 ta' Frar 2011, skont liema ġiet istitwita għad-dannu ta' Mehdi Ben Tijani Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI sensiela ta' miżuri restrittivi li jikkonsistu fl-iffriżar tal-fondi, assi u riżorsi ekonomiċi oħra kollha tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lir-rikorrent somma totali ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-danni differenti li huwa sofra;

— tikkundanna l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jħallas lir-rikorrent somma ta' EUR 10 500 għall-ispejjeż tad-difiża tiegħu insostenn ta' dan ir-rikors, minbarra l-ispejjeż li jistgħu jinġabru bħala spejjeż tad-difiża, skont l-Artikolu 91 tar-Regoli tal-Proċedura;

— tikkundanna l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal daww invokati fil-kuntest tal-Kawża T-301/11, Ben Ali vs Il-Kunsill ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU 2011, C 226, p. 29.